# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 2750

Kaz Numru 3843/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Mario Farrugia (675651M)

U

Signal 8 Security Services Malta Limited (C54368)

*Dwar: Tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 30 ta' Lulju, 2021

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

## Introduzzjoni

Il-Kaz kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 21 ta' Mejju, 2020 permezz ta' l-avukatessa Dr Elaine Degiorgio f'isem is-Sur Mario Farrugia. Min-naha l-ohra s-socjeta' Signal 8 Security Services Malta Limited (C54368) irrispondiet fit-23 ta' Gunju, 2020 permezz ta' l-avukat Dr Carlos Bugeja.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddeciedi l-kaz fil-perjodu stipulat mil-Ligi minhabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

Ir-rikorrent kien impjegat ghal diversi snin mas-socjeta' Signal 8 Services Malta Ltd bhala Security Guard fil-Cargo Operations ta' l-Air Malta. Is-Sur Farrugia jghid li hu kien impjegat ta' kuxjenza u serju fuq xogholu, tant li kemm kien ilu jahdem qatt ma nghata xi warning ghal xi nuqqas.

Fl-10 ta' Jannar, 2020 il-kollega tieghu Carmelo Micallef kien cempillu ftit hin qabel ma dan ta' l-ahhar kellu jidhol ghax-xoghol fl-10.00 pm u talab lis-Sur Farrugia biex jidhol minn floku minhabba ragunijiet ta' emergenza personali. Is-Sur Farrugia accetta u hadem ix-shift tas-Sur Micallef. Fit-30 ta' Jannar, l-impjieg tar-rikorrent kien terminat.

Min-naha l-ohra, s-socjeta' Signal 8 Services Malta Ltd targumenta li ma hu xejn minnu li s-Sur Farrugia dahal jahdem ix-xift tas-Sur Micallef minhabba esigenzi tax-xoghol imma tiddeskrivi l-agir tar-rikorrent bhala wiehed kriminali ta' loghob bix-xifts, xifts mhux mahduma u talbiet ghal sieghat li ma nhadmux bl-intenzjoni li tigi frodata s-socjeta' esponenti. Ghalhekk l-intimata socjeta' tghid li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tas-Sur Farrugia kien wiehed gust, korrett u skont il-Ligi.

**Fatt tal-Kaz**

Ir-rikorrent is-Sur Mario Farrugia kien impjegat tas-socjeta' Sterling Security ghal madwar disa' snin, qabel sar trasferiment tal-intrapriza f'Mejju 2018 u l-impjieg tieghu gie assorbit mis-socjeta' intimata Signal 8 Services Malta Ltd. Is-Sur Farrugia kien impjegat bhala Security Guard tul iz-zmien li ghamel jahdem kemm ma' Sterling Security u anki ma' Signal 8 Services Malta Ltd. Infatti kien dejjem assenjat xoghol fis-sezzjoni tal-Cargo Operations tal-linja nazzjonali Air Malta.

Fl-10 ta’ Jannar, 2020 ghal habta tad-9.30 pm, ir-rikorrent ircieva telefonata minghand kollega tieghu, s-sur Carmel Micallef, li kellu jidhol xoghol fl-10 pm, fejn infurmah li ma setax jidhol ghax-xoghol minhabba urgenza personali. Ir-rikorrent accetta li jidhol ghax-xoghol minflok il-kollega tieghu.
Fit-28 ta’ Jannar, 2020, il-General Manager ta’ l-intimata socjeta’ s-sur Floyd Grech informa lir-rikorrent li kien sa jinghata “warning” talli qabad u dahal xoghol minghajr ma kien ix-xift tieghu u dan bi ksur tar-regolamenti tal-kumpanija. Fid-29 ta’ Jannar l-Operations Manager is-Sur Aquilina informa lis-Sur Farrugia li dan ta’ l-ahhar m’ghandux jidhol ghax-xoghol, filwaqt li fit-30 ta’ Jannar, 2020 l-impjieg tas-Sur Farrugia kien terminat permezz ta’ ittra datata 28 ta’ Jannar, 2020 u ffirmata mis-Sinjura Kim Grech l-HR Manager tas-socjeta – Ref MF3. Fiha s-Sinjura Grech akkuzat lis-Sur Farrugia li bidel ix-xift ma’ kollega tieghu minghajr permess u li r-rikorrent kien pprovda rapport falz lil Manigment. Fl-istess ittra s-Sinjura Grech tinforma lis-Sur Farrugia li kemm -il darba ma jaqbilx mad-decizjoni jista’ javvicina lill-istess HR Manager biex issir laqgha u jispjega l-agir tieghu.

Fil-11 ta’ Frar, 2020 ir-rikorrent, permezz ta’ l-avukatessa tieghu Dr Elaine Degiorgio baghat ittra lis-Sinjura Kim Grech jipprotesta d-decizjoni tal-kumpanija u jistqarr li t-terminazzjoni ta’ l-impjieg tieghu kienet ingusta u ghaldaqstant talab lill-kumpanija biex tirrikonsidra u tregga lura d-decizjoni li hadet.  Minkejja dan il-kumpanija ma rrisponditx ghal din l-ittra u zammet mad-decizjoni ta’ terminazzjoni li kienet hadet.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-kwistjoni li t-Tribunal kellu quddiemu kienet wahda pjuttost semplici ghaliex ried jistabilixxi jekk l-agir tar-rikorrent li jidhol jahdem minflok il-kollega tieghu kinitx wahda xprunata minn sens ta’ responsabilita’ lejn il-post tax-xoghol u lealta’ lejn il-kumpanija li timpjegah jew inkella parti minn skema ta’ abbuzi fit-thaddim tax-xiftijiet. Kemm -il darba jkun il-kaz, it-Tribunal ried jiddeciedi jekk l-azzjoni ta’ terminazzjoni ta’ l-impjieg tar-rikorrent kinitx wahda proporzjonata u gusta skont il-Ligi.

## 1 Ix-xift ta’ l-10 ta’ Jannar, 2020

Is-Sur Farrugia rcieva telefonata fid-9.30 pm minghand il-kollega tieghu, s-sur Carmelo Micallef, li kien skedat li jidhol jahdem fix-xift ta’ l-10.00 pm, fil-Cargo Section ta’ l-Air Malta. Is-Sur Micallef talab lis-Sur Farrugia biex jidhol jahdem minfloku ghal ragunijet ta’ emergenza personali. Ir-reazzjoni tas-Sur Farrugia kienet li jitlaq minn idejh u jidhol ghax-xoghol kif filfatt ghamel. Is-Sur Farrugia jispjega li l-Cargo Section ta’ l-Air Malta huwa post sensittiv u meta nqala l-bzonn hu hass li kellu jirrispondi mmedjatament specjalment ghall-fatt li kien hemm biss nofs siegha hin biex jivvjagga ghall-post tax-xoghol u jibda x-xift.

Is-Sur Farrugia nforma bit-tibdil tal-persuni fix-xift lil General Manager tal-Cargo Section is-Sur Grixti li ma sab ebda oggezzjoni ghal dan. Ir-rikorrent izid li mela l-log book ghax-xift ta’ 10.00pm ta’ l- 10 ta’ Jannar, 2020 fejn irrapporta dak li kien ghamel matul l-istess xift. Fl-14 ta’ Jannar anki ghamel rapport fuq talba ta’ l-Operations Manager is-Sur Jonathan Aquilina dwar l-istess tibdil fix-xift.

Minkejja dan, is-Sur Farrugia jinsisti li hu ma meliex it-time sheet ghax-xift ta’ l-10 ta’ Jannar, 2020 ghaliex ix-xift m’ghamlux bl-iskop ta’ hlas imma biex jaqdi l-ezigenza urgenti tal-mument. Hu jargumenta li la darba ma titnizzilx fit-time sheet, hu qatt ma seta’ jistenna hlas. Mill-atti johrog li l-kumpanija kienet tosserva procedura stretta ta’ massimu ta’ mija tlieta u sebghin (173) siegha xoghol fix-xahar ghal kull impjegat biex tevita milli thallas l-overtime.

Gie osservat ukoll li ebda evidenza ma tressqet li b’xi mod jindika li s-Sur Carmelo Micallef gharraf lis-superjuri tieghu li hu kien talab lis-Sur Mario Farrugia biex jidhol jahdem minfloku. Ir-responsabilta’ primarja ta’ min ghandu jinforma lil manigment dwar it-tibdil jaqa’ fuq min qed jitlob li jsir it-tibdil. Kien ikun sewwa li s-Sur Carmelo Micallef informa ukoll lis-superjuri tieghu bl-emergenza personali u li kien talab lis-Sur Farrugia jidhol minfloku.

Kien nuqqas li dan ma sarx ghaliex il-manigment kellu kull dritt ikun jaf b'dan l-arrangament. F'dan ir-rigward it-Tribunal isibha stramba kif il-kumpanija taghzel li tinjora dan in-nuqqas minn min kien responsabbli li jinfurmaha, taghzel li ma tpoggi ebda piz fuq dan in-nuqqas u minflok tpoggi il-piz kollu anki sal-punt li tittermina l-impjieg ta' min akkomoda t-talba ghat-tibdil fix-xift.

Minn din l-evidenza t-Tribunal ma jsib xejn fl-agir tas-Sur Farrugia li jindika li l-akkomodazzjoni ragonevoli li ghamel lis-Sur Micallef kienet motivata minn xi skop ta' abbuz imma jindika agir ta' koperazzjoni u pragmatizmu responsabbli biex post sensittiv bhal Cargo Operations ta' l-Air Malta ikun kopert bis-sigurta' ta' gwardjan kif suppost.

## 2 Performance tar-rikorrent fuq il-post tax-xoghol

Is-Sur Farrugia hadem ghal disa snin ma' Sterling Security u tliet snin ma' Signal 8 Services Malta Ltd fejn tul dan iz-zmien hadem dejjem fis-sezzjoni tal-Cargo Operations ta' l-Air Malta.

Is-Sur Farrugia xehed li hu kien jiehu x-xoghol bis-serjeta' ghaliex dejjem fehem li jekk jintilef il-kuntratt li l-kumpanija ghandha ma' l-Air Malta, kien sa jkun hemm diversi nies li sa jintlaqtu hazin, nkluz huwa stess. Hu jghid li ghalhekk meta kellu talba minn siehbu biex jidhol jahdem minfloku, hu hassu responsabbli lejn il-post tax-xoghol tieghu u dahal jahdem biex il-Cargo Section ta' l-Air Malta tkun moqdija minn servizz ta' sigurta kif mehtiega. Din il-posizzjoni tar-rikorrent kienet konsistenti tul il-process kollu fejn is-Sur Farrugia baqa' jargumenta li fil-hin li nqala l-bzonn hu ghamel dak li mpjegat tajjeb mistenni li jaghmel, igifieri, ikun flessibbli u jirrispondi ghal bzonn minghajr diffikultajiet zejda. Is-Sur Farrugia xehed diversi drabi li tul il-karriera tieghu, hu qatt ma kien inghata xi "warning" la bil-kliem u anqas bil-miktub.

Il-General Manager tal-Cargo Section ta' l-Air Malta s-Sur Grixti jikkorrabora din l-imgieba billi ddeskriva lis-Sur Farrugia bhala strett fix-xoghol anzi qal li xi kultant strett izzejjed – Ref seduta 5 ta' Marzu 2021.

L-Operations Manager tal-kumpanija appellata s-Sur Jonathan Aquilina jghid li s-Sur Farrugia kien wiehed mill-aqwa Security Officer li l-kumpanija kellha – Ref seduta 5 ta' Marzu, 2021.

Fl-istess hin l-Operations Manager jghid li s-Sur Farrugia ma kienx jimxi mal-proceduri tal-kumpanija, anzi jallega li r-rikorrent kien abitwat ibiddel ix-xiftijiet ma' shabu, jiffalsifika d-dokumenti u jallega ukoll li jisraq l-ilma minn fuq il-post tax-xoghol. Izda l-ebda evidenza ghal dan ma' kienet prodotta – Ref seduta tal-5 ta' Marzu, 2021.

Is-Sur Aquilina jghid li s-Sur Farrugia ma nizzilx ix-xift fit-time sheet biex filwaqt li ma jithallasx ikollu l-opportunita' juri li sar ix-xoghol permezz tal-log book u jiehu r-ragun meta hu jirrapporta l-kaz lid-dipartiment (DIER). Skont l-Operations Manager, l-intenzjoni tas-sur Farrugia kienet li jakkuza lill-kumpanija li mhux thallas tax-xoghol kif suppost u jpoggi lill-kumpanija f'dawl ikrah – Ref seduta 2 ta' Orttubru, 2020. Il-kumpanija appellata ma pprezentat ebda evidenza ta' mgieba bhal din mis-Sur Farrugia. Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis dan id-diskors sempliciment bhala spekulazzjoni.

Is-Sur Aquilina jzid juri d-dwejjaq tieghu li s-Sur Farrugia kien jistaqsi lil manigment biex jikkjarifika aspetti mill-payslip tieghu fl-ahhar tax-xahar. Juri ukoll id-dwejjaq tieghu meta s-Sur Farrugia imur id-DIER biex jistaqsi informazzjoni dwar id-drittijiet tieghu u dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu – Ref seduta 2 ta' Ottubru, 2020.

It-Tribunal ifakkar li d-DIER huwa istituzzjoni pubbliku mahluqa biex tiggwida lill-impjegati u anki lil min ihaddem dwar ir-relazzjonijiet industrijali u l-impjiegi. Meta haddiem jirrikorri ghal pariri tad-DIER ma jkun qed jaghmel xejn hazin anzi jkun qed imur f'ras il-ghajn minn fejn jiehu nformazzjoni

korretta. Ghalhekk b'ebda mod min ihaddem m'ghandu johodha kontra xi impjegat tieghu meta jirrikorri ghal parir tad-dipartiment. Filfatt kienet il-kumpanija appellata flimkien mal-kumpanija li minghandha xtrat in-negozju li nstabu fl-izball meta s-Sur Farrugia rrikorra ghand id-dipartiment dwar diskrepanza fir-rata li biha hu u shabu kienu qed jithallsu. Id-Direttur tad-DIER spjegat car kif wara li d-dipartiment ghamel l-investigazzjonijiet tieghu, l-haddiema nkluz is-Sur Farrugia hadu elf ta' euros f'arretrati.

Is-Sur Aquilina jixhed li t-tibdil fix-xift minghajr ma l-manigment ikun jaf hija haga serja hafna specjalment f'post sensittiv bhal l-Air Malta. Pero' minkejja dan, it-Tribunal jiskanta kif l-Operations Manager la qatt zar dan il-post tax-xoghol u anqas kien jaf l-isem tal-General Manager ta' dan il-post sensittiv.

Barra minn hekk filwaqt li s-Sur Aquilina jixhed li l-impjegat li kien sostitwit mis-Sur Farrugia, kien inghata "warning" ghall-fatt li kien biddel ix-xift, l-Operations Manager anqas kien jaf li dan l-impjegat kien is-Sur Carmelo Micallef. Kontinwament beda jirreferi ghal impjegat iehor certu Ron Farrugia. Filfatt evidenza ta' din l-imsemmija "warning" qatt ma giet prezentata fl-atti. L-istess gara meta s-Sur Aquilina xehed li s-Sur Farrugia kien effettivament inghata warnings bil-miktub tul iz-zmien li ghamel impjegat mal-kumpanija izda fl-istess hin naqas li jipprezenta evidenza fl-atti.

Meta t-Tribunal hares lejn ix-xiehda konsistenti tas-Sur Mario Farrugia u l-inkonsistenza ta' l-Operations Manager is-Sur Jonathan Aquilina kif ukoll l-evidenza jew in-nuqqas taghha, jiddeciedi li l-kredibilita' qieghda fuq in-naha tas-Sur Farrugia. Ghaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn li b'xi mod jirrifletti hazin fuq il-performance fuq il-post tax-xoghol tas-sur Farrugia.

## 3 <u>Process dixxiplinarju</u>

Il-process li wassal ghat-terminazzjoni beda fit-28 ta' Jannar 2020 meta l-General Manager tal-kumpanija s-Sur Floyd Grech informa fis-Sur Farrugia li kien sa jaghtih 'warning'. Filfatt is-Sur Farrugia ma nghatax "warning" imma

fit-30 ta' Jannar, 2020 kellu l-impjieg tieghu terminat. L-ittra tat-terminazzjoni telenka akkuzi, tigbed konkluzjonijiet u twassal ghal decizjoni ta' terminazzjoni mill-impjieg. Izzid tghid li kemm -il darba r-rikorrent irid jikkontesta t-tkeccija jista' jikkuntattja lil HR maniger biex is-Sur Farrugia jaghti l-verzjoni tieghu. L-ittra li ggib id-data tat-28 ta' Jannar 2020 kienet mghoddija lis-Sur Farrugia fis-7 ta' Frar, 2020.

It-Tribunal jinnota li ma kien hemm ebda attentat biex issir process ta' dixxiplina li fih ir-rikorrent seta' jipprezenta l-kaz tieghu forsi anki bl-assistenza ta' persuna tal-fiducja tieghu.

Anki li kieku wiehed kellu jikkonsidra l-laqgha fl-ufficcju tas-Sur Floyd Grech fit-28 ta' Jannar, 2020 bhala process ta' dixxiplina, l-process kien ivvizzjat u allura bla effett.

Il-persuna li ghamlet l-akkuzi igifieri s-Sur Floyd Grech, kien l-istess persuna li sema' l-ispjega tac-cirkostanzi tal-kaz, l-istess persuna li wera pregudizzju serju *"dan bravu hafna ta .. dan li jmurilna ghand id-DIER ta u jirrapurtana*", l-istess persuna li ghajjar lis-sur Farrugia "*galantom*", l-istess persuna li ghajjat mas-sur Farrugia, l-istess wiehed li l-ewwel qallu sa johroglu "warning" imbaghad biddel il-hsieb u minflok itterminalu l-impjieg.

Ghalhekk it-Tribunal jiskanta kif l-HR maniger tistenna li tkun kredibbli meta tistieden lir-rikorrent jikkontesta d-decizjoni wara l-mod zbilancjat u skorrett ta' kif tmexxa l-process ta' dixxiplina. Process li anqas ta cans lir-rikorrent jkun assistit minn persuna tal-fiducja tieghu. Infatti fil-mument li r-rikorrent irrisponda ghall-ittra tal-kumpanija permezz ta' l-avukatessa Elaine Degiorgio datata 11 ta' Frar, 2020, s-socjeta intimata naqset milli tirrispondi.

It-Tribunal jipprova jifhem ukoll kif il-kumpanija sservi lis-Sur Farrugia bil-piena kapitali fil-qasam tax-xoghol igifieri tkeccija mill-impjieg filwaqt li l-impjegat li talab lis-Sur Farrugia biex jidhol jahdem minfloku, mhux biss jibqa' fl-impjieg imma anqas evidenza ta' "warning" fil-konfront tieghu ma kienet

esebita. Dan huwa zbilanc fil-mod kif il-General Manager u l-Operations Manager jitrattaw ma' l-impjegati taghhom, atteggjament li jservi biss ta' hsara ghall-kumpanija.

Li kieku sar smiegh gust tal-kaz mill-kumpanija, kif sar quddiem dan it-Tribunal, kien jinstab li s-Sur Mario Farrugia ma kienx biss wiehed mill-ahjar impjegati imma kien haddiem esemplari ghaliex mhux biss jaghmel xogholu sewwa imma jmur lil hinn minn dak mistenni minnu u jirrispondi b'responsabbilita' fil-mument mehtieg. Haddiema bhal dawn ghandhom ikunu nnotati u apprezzati u meta dan ma jsirx, ma jirrifletti xejn fuq l-impjegat imma jirrifletti hafna fuq min ihaddimhom.

It-Tribunal jistmerr il-mod kif haddiem serju ta' disgha u sittin (69) sena jkun trattat b'dan il-mod b'detriment ghar-reputazzjoni tieghu. Kellu ragun is-Sur Farrugia jistaqsi lis-Sur Floyd Grech – *" jien talli uzajt ir-responsabilta' ghandi nigi stmat hekk?"*

Ir-risposta hija le u ghalhekk illum is-Sur Mario Farrugia ghandu johrog b'rasu mghollija minn dan it-Tribunal ghaliex ir-reputazzjoni tajba tieghu giet restitwita u ghaldaqstant ikun ta' akkwist kbir ghal min ikollu l-privilegg li jimpjegah.

**<u>Decizjoni</u>**

Wara li t-Tribunal ezamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-kaz, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li hares lejn l-elementi tal-kaz fit-totalita' u l-komplessita' taghhom, jiddeciedi li r-rikorrent s-Sur Mario Farrugia kien terminat mix-xoghol ingustament u ghalhekk mhux skont il-Ligi.

**<u>Kompens</u>**

Is-socjeta’ Signal 8 Services Malta Ltd thallas b’kumpens lis-Sur Mario Farrugia fi zmien erba’ gimghat minn din id-data s-somma ta’ tmintax -il elf, hames mija u ghoxrin ewro (€18,520).

L-ispejjez tal-kawza taz-zewg partijiet huma a karigu tas-socjeta’ ntimata.

**(iffirmat)**

Joseph Gerada
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju